MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 1398/2004

**Marie Ghirlando**

**Vs**

**Anna Gloria Mangion**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-attrici qalet li hi kienet wieqfa bil-vettura CAO 323 u l-konvenuta saqet il-vettura RGM 307 bir-rivers u dahlet fiha. L-attrici talbet li l-konvenuta thallas is-somma ta' Lm165 (mija u hamsa u sittin lira Maltin) bhala danni.

Il-konvenuta cahdet li kienet responsabbli ghall-incident u allegat li l-incident gara tort ta' l-attrici.

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.
Fix-xhieda taghha l-attrici qalet li rat lill-konvenuta wieqfa fuq in-naha hazina tat-triq quddiemha. L-attrici kompliet

issuq ghaddiet il-vettura tal-konvenuta u waqfet billi kien hemm karozza qieghda tipprova tohrog mill-*parking*. F’dak il-mument il-konvenuta rriversjat fuqha.

Il-konvenuta qalet li kellha ntenzjoni li tipparkja, rat li kien hemm spazju u marret *wrong side* biex tkun tista’ tipparkja, bdiet tirriversja (bdiet thares lejn is-*side mirror* u lejn il-genb) u habtet.

Illi l-konvenuta kienet qieghda tirriversja u ghalhekk kellha tassigura li tista’ tirriversja minghajr ma tostakola jew tahbat f’vetturi jew nies fit-triq. Illi l-konvenuta naqset li tiehu *a proper lookout* billi naqset li tara dik il-vettura warajha.

Fil-kawza **Il-Pulizija Vs J. Aquilina (Qorti Kriminali 12/3/1961)** saret referenza ghas-sentenza tal-Corte di Cassazione ta’ l-Italja fejn gie ritenut:

“La retromarcia di un autoveicolo consituisce uno spostamento anormale e difficile e va quindi eseguito con particolare prudenza. Se il conducente, per la sagoma dell’autoveicolo or per altra causa, no e’ in grado di vedera tutta la via a tergo, la prudenza impone di servirsi di altra persona che, da terra, controlli la manovra.”

Fil-kawza **Azzopardi Vs Camilleri (PA 11/7/1996)** gie ddikjarat li *driver* miexi b’lura ghandu b’mod l-aktar assidwu jzomm *a proper lookout*.

Ghaldaqstant il-konvenuta kienet unikament responsabbli ghall-incident. Id-danni ma gewx ikkontestati u huma ragunevoli.

It-Tribunal jichad ir-Risposta tal-konvenuta u jikkundanna lill-konvenuta biex thallas Lm165 (mija u hamsa u sittin lira Maltin) lill-attrici bl-ispejjez u bl-imghax mit-12 ta’ Lulju, 2004.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------